# Tnemnim

Rita Saliba

Qatt ma kkunsidrajt lili nnifsi ngħodd ma' dawk li jiksru l-liġi jew aħjar ir-regoli tas-soċjetà. L-iskola minn dejjem obdejt, id-dar nafni ngħaddas rasi u nitlaq kollox minn idejja xħin jgħajtuli.

Ma nistax nispjegaha dil-kilba kull darba li nidħol f'ħanut. Idejja jikluni naħtaf xi ħaġa u nitfagħha fil-but. Jaf ma jkollix bżonnha daqstant u aktarx nispiċċa narmiha fl-ewwel landa taż-żibel li nara fi triqti. Hekk kif għaddejt minn ħdejn iċ-ċikkulata fis-supermarket, ponot subgħajja ħassejthom inemnmu, jaħarqu kif ressaqthom lejn il-biċċiet imgeżwrin f'karti kkuluriti. Ittawwalt il-boroż tal-jelly babies u telgħetli għoqla fi griżmejja. Ħtaft pakkett u dawwartu f'idi. Ħassejt iċ-ċokon tagħhom, berraqt lejn il-fattizzi mgħaffġa ta' wiċċhom. Il-borża umdat minn ġewwa, jew forsi kien dmugħ tat-trabi ċ-ċkejknin taz-zokkor. Wiċċ minnhom tkaħħal mal-borża, jerħi l-aħmar. Tlaqt il-pakkett minn idi u għaġġilt. Ħassejt żaqqi għadha mdendla. Ħsibt li se naħbi jekk inżomm in-nifs, nilbes ħwejjeġ wisgħin. Xorta ma ħrabtux il-ħars tan-nisa jimbuttaw it-trabi f'pushchair. Mara fi stat avvanzat tat-tqala tbissmitli; jew forsi mhux lili kienet qed titbissem.

Nhar it-Tnejn kaxxiera fis-supermarket staqsietni kemm għandi tqala. Infqajt nidħaq f'wiċċha.

“Jien? Tqila? Dak kollu sonża, irrid nagħmel ftit jogging jew nibda mmur il-gym!” Komplejt nidħaq donnha kienet iċ-ċajta tal-ġimgħa. Il-mara baqgħet tħares lejja. Idejja rqaq jikxfuni. Tant jien irqiqa li l-vini blu fuq ġewwa tal-polz donnhom mappa tar-rotta ta’ tal-linja. U naf li saqajja jidhru twal u mgħaddma meta nilbes dublett qasir. Ili ma nilbes wieħed mindu ommi qabdet lil James iħarisli lejhom. Ħassejtni se nirremetti kif ftakart f’James. Żaqqi baqgħet tixlini. Ma niżlitx. Gerfixt fil-basket enormi li nħobb inġorr miegħi. Sibt mustardina bla karta, kollha għabra sewda. Imsaħtha b’subgħajja. Tfajtha ġo ħalqi biex inneħħi l-qrusa; l-oġġetti madwari fakkruni fir-riħa ta’ James wara t-training. Ħallast ta’ pakkett wipes u ħrabt barra t-triq. Id-dardir kompla jżid hekk kif xammejt id-dħaħen tad-diesel. Bħalma kien jagħtini fil-bidu, jien u miexja lejn l-iskola. B’hekk kont intbaħt li tqila. Il-period ma ġiex dak ix-xahar. Għall-bidu kont nieħu r-ruħ meta jaqbeż bi ftit jiem; inbiegħed għal jumejn l-uġigħ ta’ żaqq, is-sensazzjoni ta’ tidlik … iżda did-darba ntbaħt li ma kinux dawn is-sintomi li għandi nistenna. Għaddew ġimgħat u bdejt intella’ kulma niekol. Ma wrejt lil ħadd b’xejn. Lanqas ommi ma indunat. Hi u James għadhom honeymooners. Ftit kienu jagħtu kas jekk iniex f’sikkti. Kont nidħol naqla’ fit-toilet, inħalli l-mużika f’kamarti tgħajjat. Nisma’ t-tgergir t’ommi, mhux ta’ James, teqridli biex nagħlaqlu. Lil James ma kienx idejqu għoli l-volum. Ommi ma kinitx tkun wisq id-dar. Meta tidħol lura kienet tippretendi l-kwiet. Bdejt ninqata’ għalija, ma noqgħodx wisq fis-saqajn.

Erġajt fl-istess post, ġimgħa wara. F’das-supermarket bil-karreġġjati twal nista’ nintilef qalb in-nies għaddejjin mitlufin jimbuttaw trolley, nagħżel x’ħa nobrom mingħajr wisq ħars lejja. Iċċekkjajt jekk il-kaxxiera ta’ nhar it-Tnejn kinitx xogħol. F’postha kien hemm oħra. Jekk ngħaddi bil-mod u nġib ruħi bħal klijenti oħrajn ftit nagħti fil-għajn. Għaddejt minn ħdejn l-ixkaffar bil-make up. Minn fejn beda l-vizzju. Għall-ewwel bħal sfida li nieħu mingħajr ma ninqabad. Waqaft inħares lejn in-nail polish. Fliexken li jinħbew f’pala ta’ id bi sfumaturi ta’ lwien ikanġu minn roża għal vjola għal aħmar skur, kulur

id-dmija. Ftakart meta kont niżbogħ difrejja, meta kienu itwal, meta ma kontx ingiddimhom sakemm ma baqgħux jidhru aktar. Meta telaq missieri mid-dar. Meta ġie jgħix magħna James …

Imxejt lejn in-naħa fejn kien hemm l-oġġetti tat-trabi. Flejt il-bottijiet tal-ħalib tat-trab; ġbidt bott tal-ewwel ftit xhur. Qrajt it-tipa rqiqa, kemm trid iżżid ilma ma' kuċċarina. Tfajtu fil-basket enormi b'ħalqu miftuħ u bqajt miexja b'pass kajman. Jekk ngħaġġel niġbed l-għajn. Omm żagħżugħa togħrok dahar tarbija tirtogħod bis-sulluzzu warrbitli biex ngħaddi.

"Hekk jiġrilu meta jiksaħ," qaltli donnha qed tiskuża ruħha. Ara jien x'jimpurtani! Għamilt tabirruħi qed nagħżel gażaża. Stennejt sakemm warrbet, tfesfes tħannin u ssikket liċ-ċkejkna. Fuq l-ixkaffi kien hemm il-fliexken għall-ħalib. Għoġobni wieħed żgħir tal-plastik, b'Winnie the Pooh stampat mad-dawra. Minn taħt l-għajn stajt nara li kont waħdi fil-karreġġata. Tfajtu mal-bott tal-ħalib. Subgħajja saħnu. Telaq it-tnemnim għal mument. Wara ftit passi ġejt f'tiegħi. Erġajt waqajt għall-istess vizzju, ta' qabel indunajt li mhux għax ħxint ma nqaflitx l-uniformi. L-irwejjaħ reġgħu bdew idardruni. Ħsibtni ħlist minnhom darba għal dejjem wara dak il-lejl tal-biża'. Ħareġ minni donnu jelly baby aħmar għadu jaħraq, tebba' l-forma ċkejkna tiegħu mkebba fuq il-lożor. Għalxejn qomt noqrodhom qabel tfajthom fil-magna tal-ħasil. Nittama li t-tebgħa tgħib. It-tort se jibqa' miegħi. Jekk kien tiegħi t-tort wara kollox. X'jimporta issa ta' min kien it-tort?

Ridt naħrab minn dan l-għeluq, kollu rwejjaħ. Tfajla kienet qed tipprova fwieħa fuq biċċa kartuna u trewwaħha quddiem wiċċha. Ilqattha kif għaddejt minn magħha. Ħarsitli bl-ikrah. Xtaqt qlajt fuqha u lanqas xkaffa fliexken tal-fwieħa ma kienet tneħħilha l-qrusa minn fuqha. Żammejt żaqqi. Ħassejt il-vojt. Jekk niġri se ninqabad, imma issa x'jimporta?

Ma nafx kif sibt ruħi qalb kartolini roża u blu. Jawguraw il-wasla ta' tarbija ġdida. Kien hemm torri sħiħ minnhom quddiemi. Kollha mpittrin b'annimali tal-bosk jidħqu, jew b'karattri tal-cartoons favoriti mpittrin u b'ittri bbuzzati 'l barra. Tgħid qatt rawhom il-kartolini

t-trabi għadhom jitwieldu? Kienu jibku meta jaraw fniek roża jilagħbu bil-ġugarelli jew orsijiet blu donnhom tħallew fil-bard? Imxejt qalb żewġ ringieli kartolini. Issa bdew joħduni f'għelieqi bil-fjuri u l-friefet, bin-numri kbar; minn wieħed impitter bi lwien jgħajtu san-numru ħamsin ibbuzzat 'il barra, miktub bid-deheb. Tnikkirt. Dort lura san-numru tnax. L-aħħar kartolina li rċevejt kellha n-numru tnax stampat kbir fuqha. Ġbidt il-kartolina. Riħitha mgeżwra fil-plastik kompliet iddardarni. Jekk nibqa' ftit ieħor hawn se ntella' l-istonku. Nagħti fil-għajn. Ninqabad. Tfajtha fil-basket. Xagħri nħall mil-lakstuwa u ġie quddiem wiċċi. Ma bdejtx nara minn fejn se ngħaddi.

"Sinjorina! Tiġi ftit magħna sal-uffiċċju, jekk jogħġbok?"

Sabu li kont taħt l-età. Ċemplu lil ommi. B'xorti tajba ma ġiex magħha James. Tħassruni meta għedtilhom li ma kontx għadni aktar tqila, li tlift it-tarbija, li ma nafx għaliex ħadthom dawk l-oġġetti. Ommi waqgħet fil-muta, wiċċha abjad daqs il-qarsa tax-xemgħa, mitt mistoqsija f'għajnejha.

"Meta?"

Ma kontx naf x'se nwieġeb. Meta ntbaħt li tqila? Meta qabadni wġigħ li kont se ninqasam? Meta ħsibtni se mmut u ħassejtni ninfaqa' u int ma kontx hemm?

"Kontu weekend break int u James."

"Kif? Waħdek?"

"Iva, mort it-toilet u ġie ħafna demm."

Ommi ħarset lejja donni għandi marda tittieħed, inġibdet 'il bogħod minni. Stennejt li se tistaqsini ma' min kont inkun; min kien missier it-tarbija, kemm kont ili naf li tqila. Imma issa li t-tarbija telqet m'għadux jimporta. Dawret ħarsitha lejn il-madum. Stajt inħoss il-ħtija għaddejja mingħandi għal għandha. Xi ħadd ġabilha tazza ilma. Xi ħaddieħor resaq lejja. Ma kienx jimpurtani min.

"Jiddispjaċina, Sinjorina. Ma konniex nafu li għaddejt minn trawma."

Tajt daqqa t'għajn lejn l-oġġetti li ġbidt minn fuq l-ixkaffi. Għorokt idejja ma' xulxin donni ridt intaffi t-tnemnim li qabadni f'subgħajja

mill-ġdid. Ħassejt rasi ddur bija. L-irwejjaħ reġgħu ġew qawwijin. Ridt naqla'. Ta' madwari bdew jitkellmu minn taħt l-ilsien, issemma' t-tabib. Daru m'ommi li ħassha ħażin. Naf li se jiġi għalina James. Naf li se jevitani, ma jistaqsini xejn iktar. Issa m'għadux jimporta.